# IL-KOTBA TAL-BAĦAR MEJJET

*(Kitba ta' Dun Karm Sant, imxandra bl-Ingliż fis-"Sunday Times of Malta", maqluba fil-Malti għal dan il-Qari, u mħaffa xi ftit. Baqa' għal darbtejn oħra).*

Il-kotba qodma tal-ġild li nsabu qrib il-Baħar Mejjet (1) ġiegħlu lill-għorrief ibdidlu bosta mill-fehmiet tagħhom fuq kif għaddew minn id għall-id, fil-qedem, il-Kotba tal-Bibbja u fuq il-ġrajjiet ta' bejn il-Għaqda l-Qadima u l-Għaqda l-Ġdida. Il-għorrief xegħlu fuq dawn il-kotba, u m'hux il-għorrief biss, imma wkoll kotra kbira ta' nies fost il-poplu. Dan ġara għax kull ħadd sar jaf bihom, billi l-Ħakma Ġordanija, li tagħmel mill-art fejn insabu, talbet lill-ġnus kollha għajnuna ta' flus biex jibqa' sejjer it-tiftix għal kotba oħrajn. Għal hekk, billi kull ħadd sar jaf b'din is-sejba, inkitbu fuqha kotba sħaħ u artikli f'gazzetti, ma jingħaddux. U billi x-xogħol għadu sejjer, wisq aktar għad irid jinkiteb 'il quddiem. Biex dawn il-kotba l-qodma ma jmorrux f'idejn il-barranin, jew jaqgħu f'idejn nies li ma jafux jgħożżuhom, il-Ħakma Ġordanija qegħda tħallas tagħhom, sewwa jkunu sħaħ u sewwa biċċiet, ġild jew papiri(2), tliet liri għal kull pulzier kwadrat. Ix-xogħol tat-tiftix għadu sejjer u wisq biċċiet ta' kotba għadhom f'idejn il-Għarab, u f'idejn nies li xtrawhom minn għandhom biex ibiegħuhom mill-ġdid.

Ma' dwar il-Baħar Mejjet (jgħidulu *baħar*, imma hu għadira, għax ma jinfedx) jinsabu ħafna rdumijiet. Il-wiċċ tal-blat ta' dawn ir-rdumijiet miżgħud bil-egħrien. F'dawn il-egħrien, in-naħa ta' nżul ix-xemx ta' dak il-baħar insabu dawn il-kotba, sħaħ u mqattgħin. U nsabu wkoll ġarar u borom u qwawar oħra tal-fuħħar, sħaħ u miksurin. Fejn insabu l-aktar fdalijiet huma tliet imkejjen: (a) Ħirbet Qumran, (b) Wied Imrabbgħat, u (ċ) Ħirbet Mird.

### ĦIRBET QUMRAN

Ħirba, bil-Għarbi, bħal bil-Malti, tfisser bini mġarraf, u Ħirbet Qumran huwa bini kbir imġarraf, li kien donnu xi raħal żgħir, li fih kienu jgħammru xirka ta' nies bħala Rħieb, li aktarx kienu l-Essenin(3), għad li s'issa l-għorrief għadhom sewwa sew ma jafux min kienu. Dil-ħerba qegħda fuq setaħ ta' blat qrib il-Baħar Mejjet, tmient imiel bgħid minn Ġerko, in-naħa ta' Nofs in-nhar. Ġewwa dil-ħerba, bejn is-snin 1952 u 1956, mgħallmin li jifhmu, qallbu u ħaffru u fettxew u sabu kotra kbira ta' fuħħar. Sabu wkoll tliett ikwies żgħar, tnejn tal-fuħħar u wieħed tal-bronż, fejn dawk ir-Rħieb kienu jżommu l-linka, u sabu wkoll biċċiet ta' mwejjed tat-tajn jiebes, li kienu jiktbu fuqhom. Sabu wkoll għadd ta' bċejjeċ ta' flus, li bihom ingħaraf f'liema żmien kienet mgħammra dik il-ħerba. U hekk, ħaġa li tiġi minnha, ingħaraf ukoll kull ma nsab qrib il-ħerba u ġewwa fiha, ta' liema żmien hu.

L-eqdem biċċiet ta' flus huma ta' żmien Ġanni Ħirkanu, ftit wara l-Makkabin, qisu bejn is-snin 134 u 104 qabel ma twieled Kristu. U l-iġded flus huma tas-sena 70 wara Kristu, meta dawk li kienu jgħammru l-bini telqu minn hemm. Insab xi ħjiel li wara s-sena 70 dak il-bini kien mgħammar minn tajfa ta' suldati Rumani li kienu jgħidulha *Legio Decima*

*Fretensis* (minn *fretus*, baħar bejn żewġ artijiet, għax dik it-tajfa kienet qasmet il-baħar minn Franza u niżlet l-Ingilterra). Wara kienet mgħammra mill-ġdid mix-xewwiexa Lhud, meta kienu qamu għar-Rumani, taħt it-tmexxija ta' Bar-Kokba(4) fis-snin wara Kristu 132 sa 135.

Għal hekk magħruf li dal-bini nbena, bejn wieħed u ieħor, xi mitt sena qabel Kristu, imbagħad kien imġarraf u mibni mill-ġdid. Raġa' ġġarraf ittieni darba u reġgħu għammruh issuldati tal-*Legio Fretensis*. Imbagħad, kif għedna qabel, kien imgħammar mix-xewwiexa Lhud.

Jidher li l-ewwel għammara ta' dalbini, li issa ħerba, kienu jiżirgħu ma' dwaru, għax hemm jinsabu ħrieġi ta' ħamrija u swieqi u bjar. Il-blat wieqaf ta' ma' dwar il-ħerba, kollu mtaqqab bil-egħrien, li ġewwa fihom kif għedna nsabet il-kitba l-qadima: kotba sħaħ u biċċiet. Billi ġewwa dawn il-egħrien insabu wkoll borom u bwieqi tal-fuħħar u waqqafiet tal-egħrejjex, jaħsbu li wħud mill-imseħbin taxxirka kienu jgħammru barra minn dak il-bini, taħt l-egħrejjex u ġewwa l-egħrien. Ftit bgħid minn dil-ħerba nsabet ukoll midfna, b'xi elf qabar, li fetħu minnhom ftit. Sabu fihom għadam ta' bnedmin, ħafna rġiel u xi tnejn jew tlieta nisa. Għomor il-mejtin, kif qalu t-tobba, kien ta' bejn it-30 u l-50 sena. Kienu jindifnu bla



PALESTINA. — Quddiem: ir-rdumiet qrib il-Baħar Mejjet; Fin-nofs: is-setaħ tal-blat u f'nofsu l-ħerba tal-bini ta' Qumran, u warajh u quddiemu t-tined tal-imgħallmin u l-ħaddiema. Wara: l-ilma tal-Baħar Mejjet.

tebut, u b'xejn magħhom, wiċċhom 'il fuq u rashom imdawra lejn Ġerusalem.

Kull ma nsab fejn qegħdin insemmu, fuħħar u kotba, kollox ta' għamla waħda, u minn hekk jidher li hu xogħol ta' nies waħda wkoll; jiġifieri ta' Kristu 132-135. Ġewwa dal-għar insabet wisq kitba, li tagħti dawl kbir fuq it-tixwixa tal-Lhud ta' dik id-darba, meta ġarrbu jneħħu minn fuqhom is-setgħa ta' Ruma, imma m'għamlu xejn.

Il-kitba li nsabet fil-egħrien ta' Wied



**Biċċa mill-ktieb tar-"Regola" tar-Rħieb Essenin Misjuba fil-egħrien ta' Qumran.**

dawk li għammru dak il-bini mis-sena 100 qabel ma twieled Kristu, sas-sena 70 ta' wara Kristu.

## WIED IMRABBGĦAT

Dan il-wied jinsab xi tnax-il mil in-naħa ta' Nofs in-nhar ta' Qumran. Għar mill-egħrien li jinsabu ġewwa dan il-wied kien imgħammar min-nies sa miż-żmenijiet Kalkolitki, jiġifieri, ta' meta n-nies kienu jaħdmu bil-għodod tal-bronż (bil-Grieg, khalkol) u taż-żnied (lithos), xi tmintax jew sbatax-il mitt sena qabel Kristu. Kien imgħammar ukoll xi tminn mitt sena qabel Kristu, u fl-aħħar kienu joqogħdu fih ix-xewwiexa Lhud, ta' Bar-Kokba, fis-snin li semmejna, wara Imrabbgħat hija din: ktieb tal-ġild, bil-kitba l-qadima mħassra u kitba ġdida miktuba fuqha (palimpsest), b'ittri Lhud ta' għamla Qangħanija; kotra kbira ta' kitba tal-Lhud ix-xewwiexa, fosthom ittra miktuba min id Bar-Kokba n-nifsu, ir-rajjes Lhudi tal-imxewxin. Żewġ kitbiet fuq il-weraq tal-bordi, jew *papiri* kitba minnhom tas-sena 171 wara Kristu u l-oħra ta' bejn is-snin 100 u 200, wara Kristu wkoll. Kitba oħra tat-tieni mitt sena wara Kristu, u kotba tal-karti, ta' żmien il-Għarab.

## ĦIRBET MIRD

Dil-ħirba tinsab xi erbat imjiel in-naħa ta' Nofs in-nhar ta' Qumran.

Hemm insabet ħafna kitba li tagħti ħafna dawl fuq il-kotba tal-Għaqda l-Ġdida. Hemmekkà ma nsabet ebda kitba ta' qabel it-tielet mitt sena wara Kristu. Il-kotba li nsabu f'Hirbet Mird huma dawn: kotba bil-lsien Grieg, il-Ktieb tal-Għerf, l-Evanġelju ta' San Mark u ta' San Ġwann u l-Atti. Ittri bil-Għarbi tat-tielet mitt sena wara Kristu. Biċċiet ta' kotba tal-Insara li ma jinsabux fil-Bibbja. Biċċiet ta' kotba tal-ġild, miktuba bil-lsien Arami-Nisrani tal-Palestina (li qabel ma kienu nsabu qatt bħalhom) li huma mill-kotba ta' Ġożwè, mill-Evanġelju ta' San Mattew u ta' San Luqa, mill-Atti u mill-Ittra ta' San Pawl lil Kolossin. Insabet ukoll ittra ta' Raħeb Nisrani li tagħti xaqq dawl fuq il-ħajja tal-Insara ta' dak iż-żmien..

Kull ma nsab f'dawn it-tliet imkejjen, barra mis-seba' kotba li l-Isqof Sirjan ħarab bihom lejn l-Amerka u mbagħad xtrawhom il-Lhud(5), issa jinsabu fil-Mużew tal-Qdumija tal-Ġordanja, f'Ġerusalem il-Qadima. Hawn il-kitba tinsefaħ u tinqara minn għaqda ta' nies imħarrġin f'xogħol bħal dan; nies minn ġnus magħżula u reliġjonijiet magħżula. Il-mexxejja ta' dil-għaqda huma tnejn: id-Dumnikan Père Ronald de Vaux, tal-Iskola Biblika ta' San Stiefnu (Ġerusalem), u Mr. Lankester Harding, tat-Taqsima tal-Antikità tal-Ġordanja. In-nies li jaħdmu taħt it-tmexxija tagħhom huma dawn: Monsinjur Skehan, tal-Università Kattolika ta' Washington; Mr. Cross, tas-Seminarju Protestant ta' McCormick; Mr. Marco Allegro, tal-Università ta' Cambridge; Rev. Starcky u Rev. Milik, tas-"Centre de la Recherche Scientifique" ta' Pariġi, u r-Rev. Baillet, tal-Istitut Kattolku Franċiż ta' Tolosa.

D. K. S.

---

(1) Kif insabu dawn il-kotba ara għadd 4 tat-Tielet sena ta' dan il-Qari.

(2) **Papiru,** jew bil-Malti, bordi, ikun weraq ta' xorta ta' qasab, donnu karti, li n-nies kienu jiktbu fuqu fl-antik.

(3) Min kienu l-Essenin ara x'kiteb fuqhom f'dal-Qari l-Prof. Saydon, għadd 1 it-Tieni sena, faċċata 8.

(4) Min kien Bar-Kokba ara l-kitba tal-Prof. Saydon f'dan il-Qari, it-Tielet sena, għadd 1, faċċata 3.

(5) Ara t-tagħrifa għadd 1, ta' fuq.

# AGRAPHA CHRISTI

Jista' jkun li fost dawk li jaqraw dan il-ktejjeb, ikun hemm xi ħadd li ma jafx xi tfisser il-kelma "agrapha". Għal hekk, aħjar kieku nfissruha ftit. *Agrapha* hija kelma bil-Grieg, li ġejja mill-verb *grapho*, li bil-Malti jfisser *nikteb*. U dik l-"a" ta' qabilha tfisser *bla*. Mela *agraphon*, bil-Malti jfisser *bla miktub*. U *Agrapha Christi*, f'daqqa, jiġifieri: il-*Bla Miktuba ta' Kristu*.

Imma x'inhuma il-"Bla Miktuba ta' Kristu"? Huma kliem li Ġesù Kristu qal ma' tul ħajtu fid-dinja, imma li ma kienux imniżżlin fil-Ktieb tal-Bxara, jew *Evanġelju*. Din xej ma hi ħaġa tal-għaġeb. Jekk taħseb ftit li Ġesù l-biċċa l-kbira taż-żmien ma kienx għajr iħabbar is-Saltna tas-Sema lil qtajja' tan-nies, tifhem malajr li f'sena, u aktar u aktar fi tliet snin (għax u la r-Rħieb Ewlenija, jew *Santi Padri* anqas il-għorrief ta' daż-żmien ma jaqblu fuq kemm żmien dam jgħallem Ġesù) qal wisq aktar kliem minn dak il-ftit li jinsab miktub fi Ktieb il-Bxara. Tar-